MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1/2006

**Oliver Brownrigg u Emmanuel Mangion ezercitanti l-kummerc bhala Dilja Car Importers**

**vs**

**Charlo Borg**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat f'l-20 ta' Dicembru 2005 li permezz tieghu l-atturi talbu hlas tas-somma ta' disgha mitt lira Maltija (Lm900) import ta disgha kambjali skaduti u dovuti li baqghu ma thallsux mill-konvenut b'l-imghaxx u b'l-ispejjez.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet ta'l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12

tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat b’l-avviz fis-7 ta’ Jannar 2006, naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ disgha mitt lira Maltija (Lm900) b’l-imghaxx u l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------